CONFERENTIA EPISCOPALIS MELITENSIS

KONFERENZA EPISKOPALI MALTIJA

Lir-Reverendi Arċiprieti, Kappillani, Retturi ta' knejjes, u Superjuri Reliġjużi.

**DIRETTIVI GĦAĊ-ĊELEBRAZZJONI**

**TAL-ĠIMGĦA MQADDSA U T-TRIDU TAL-GĦID 2020**

Il-Kongregazzjoni għall-Kult Divin u d-Dixxiplina tas-Sagramenti, fid-19 ta' Marzu, ħarġet Digriet li fih tat direttivi dwar iċ-Ċelebrazzjoni tat-Tridu Imqaddes tal-Għid fiċ-ċirkustanzi mwegħra li d-dinja kollha qed tgħix bħalissa minħabba l-imxija tal-Covid-19 (Coronavirus).

Fid-dawl ta' dan id-Digriet, il-Konferenza Episkopali Maltija qiegħda tniedi dawn id-direttivi dwar iċ-ċelebrazzjonijiet Liturġiċi u devozzjonali matul il-Ġimgħa Mqaddsa u fit-Tridu Mqaddes tal-Għid.

Minkejja li napprezzaw il-manifestazzjonijiet esterni marbutin ma' dawn il-jiem qaddisa kull manifestazzjoni esterna ta' reliġjożità u devozzjoni li tinvolvi grupp ta nies miġbura flimkien (eż. purċissjonijiet, pellegrinaġġi, Via Crucis fit-Toroq, manifestazzjonijiet f'Ħadd il-Palm, viżti) m'għandhiex issir. Inħeġġu lil kull familja li fid-dar issib spazju fejn titqiegħed xbieha qaddisa għat-talb personali jew tal-familja miġbura flimkien.

Iċ-ċelebrazzjonijiet Liturġiċi tal-Ġimgħa Mqaddsa u tat-Tridu tal-Għid għandhom jiġu ċċelebrati kollha fil-magħluq mingħajr il-preżenza tal-fidili, fil-Knejjes Parrokkjali; jistgħu isiru wkoll fil-Knejjes tal-Komunitajiet Reliġjużi rġiel, fil-Kappelli tar-Reliġjużi nisa fejn soltu issir u fil-Monasteri tal-ħajja klawstrali biss. Fejn se jkun iċċelebrat it-Tridu Qaddis tal-Għid għandhom jiġu ċċelebrati it-tlitt ijiem, sħaħ u f'post wieħed.

Kif inhu indikat fil-Missal Ruman, f'Ħamis ix-Xirka għandha tiġi iċċelebrata biss filgħaxija il-quddiesa li tfakkar l-Ikla tal-Mulej; fil-Ġimgħa l-Kbira m'għandha tiġi iċċelebrata l-ebda quddiesa u f'Sibt il-Għid jiġi iċċelebrat biss filgħaxija il-Vġili tal-Qawmien tal-Mulej mill-imwiet.

1. F'**Ħadd il-Palm u l-Passjoni tal-Mulej**, m'għandhomx isiru manifestazzjonijiet esterni.
   - 1.1. It-Tifkira tad-daħla tal-Mulej f'Ġerusalemm u t-tberik tal-friegħi taż-żebbuġ jistgħu:
     - 1.1.1. isiru fil-bidu tal-Quddiesa, fil-Knisja stess, kif indikat fil-Missal Ruman (It-Tieni Forma), jew
     - 1.1.2. jitħallew barra u jsir id-Dħul Sempliċi (It-Tielet Forma) kif jinsab fil-Missal Ruman.
   - 1.2. Il-qari tar-rakkont tal-Passjoni jista' jsir fil-verżjoni mqassra u jinqara miċ-ċelebrant waħdu.

**It-Tridu Mqaddes tal-Għid**

2. Nirrikkmandaw li matul dawn il-jiem ta' Tridu, tingħad il-**Liturġija tas-Sigħat** kollha mis-Saċerdoti u mir-Reliġjużi u l-poplu Nisrani jkun imħeġġeġ biex jieħu sehem f'din il-Liturġija permezz tat-trażmissjonijiet li jsiru fuq il-mezzi tax-xandir.

3. F'**Ħamis ix-Xirka**, filgħaxija ssir il-Quddiesa li tfakkar l-Ikla tal-Mulej.
   - 3.1. Is-saċerdoti huma mħeġġa biex jikkonċelebraw f'din il-Quddiesa, sakemm ma jkunx hemm direttivi oħra mill-awtoritajiet tas-saħħa.
     - 3.1.1. Il-konċelebranti għandhom joqogħdu metru 'l bogħod minn xulxin, ma jagħtux il-paċi bħas-soltu, u t-tqarbin isir *per intinctionem*.
   - 3.2. F'każi eċċezzjonali bħal dawn, illum filgħaxija huwa permess li s-saċerdoti jiċċelebraw il-Quddiesa li tfakkar l-Ikla tal-Mulej fil-privat, f'post xieraq u fil-magħluq. Jekk dan isir, mhux permess li jinżamm is-Santissmu wara il-Quddiesa.
   - 3.3. Il-ħasil Liturġiku tas-saqajn ma jsirx.
   - 3.4. Is-Sagrament jista' jitqiegħed fit-tabernaklu fejn jinżamm is-soltu.
     - 3.4.1. Jekk is-Santissmu ma jitqigħedx fit-tabernaklu fejn jinżamm is-soltu, jista' jiġi armat, b'mod iktar sempliċi, l-artal tar-ripożizzjoni biex fl-aħħar tal-Quddiesa issir it-traslazzjoni tas-Santissmu għall-adorazzjoni.
     - 3.4.2. Infakkru li fl-altar tar-Ripożizzjoni jitqiegħed biss pissidi bl-ostji kkonsagrati waqt din il-Quddiesa u t-tabernaklu jinżamm magħluq. Infakkru wkoll li ma tistax issir l-espożizzjoni tas-Santissmu.

3.5. Wara l-Quddiesa jista' jsir ħin ta' adorazzjoni, dejjem fil-magħluq, anke billi jsiru seba' riflessjonijiet, bħal Viżti, mingħajr ma jkun hemm ħruġ u dħul fil-Knisja. L-adorazzjoni solenni tieqaf ma' nofsillejl.

4. Fil-**Ġimgħa l-Kbira**, fit-Tifkira Solenni tal-Passjoni tal-Mulej, issir l-Azzjoni Liturġika ta' wara nofsinhar.
   4.1. Il-qari tar-rakkont tal-Passjoni jista' jsir fil-verżjoni mqassra u jinqara minn persuna waħda.
   4.2. Fit-Talbiet Universali, fi tmiem il-Liturġija tal-Kelma, tiżdied din l-invokazzjoni:

*Għal dawk kolla milqutin mill-Coronavirus*
*Nitolbu wkoll, f'dan iż-żmien ta' tbatija fid-dinja, għal dawk kollha milquta mill-imxija tal-Coronavirus, għat-tobba u l-infermiera u dawk li jieħdu ħsieb il-kura ta' min hu marid u l-familji tagħhom, għal dawk li għandhom ir-responsabiltà jieħdu deċiżjonijiet serji f'din is-sitwazzjoni, għal dawk li huma responsabbli mill-ordni pubbliku u mid-dixxiplina, għal dawk li tilfu x-xogħol u l-familji tagħhom, għal dawk li tilfu lil xi ħadd għażiż għalihom u għall-mejtin tagħhom.*

*Alla, inti l-mistrieħ tagħna fit-taħbit,*
*il-qawwa tagħna fil-mard, il-faraġ fin-niket;*
*ħares bi ħniena lejn il-bnedmin li inti ħlaqthom xbieha tiegħek*
*u ridt li jkunu mifdija bid-Demm qaddis ta' Ibnek imxerred fuq is-salib:*
*ieqaf magħhom; fejjaqhom mill-mard,*
*farraġhom fin-niket, sabbarhom fid-dwejjaq;*
*agħti lil dawk li jinħtieġuhom l-għerf u l-qawwa mis-sema*
*u daħħal fil-mistrieħ ta' dejjem lil dawk li raqdu għal dejjem;*
*qawwilna qalbna biex, bil-fidi nitqawwew fl-imħabba tagħna lejk u għal xulxin*
*u hekk nimtlew bit-tama ta' ġejjieni aħjar għal kulħadd.*
*Bi Kristu Sidna.*

   4.3. L-Adorazzjoni tas-Salib tibda mingħajr il-mixja fil-Knisja, kif indikat fl-Ewwel Forma fil-Missal Ruman. L-Adorazzjoni tas-salib issir b'att ta' qima minn min ikun hemm fl-istess ħin, mingħajr ma jsir il-bews tas-Salib.
      4.3.1. Wara jkun hemm it-Tqarbin skont kif indikat fil-Missal Ruman.
   4.4. L-Insara kollha għandhom ikunu mħeġġa ħalli jingħaqdu mal-Isqfijiet fit-talba tal-Via Sacra, li tkun imxandra, biex, flimkien bħala poplu wieħed ma' Ommna Marija, f'din is-siegħa tal-prova, nirriflettu fuq it-tbatija ta' Ġesù li b'imħabba bla tarf ta ruħu għalina.

5. F'**Sibt il-Għid**, filgħaxija jsir il-Vġili tal-Qawmien tal-Mulej mill-Imwiet.
   5.1. It-tberik tan-nar jista' ma jsirx u jinxtgħel biss il-Blandun mingħajr ma ssir il-purċissjoni bih.
   5.2. Jekk ikun se jsir it-tberik tan-nar u l-mixgħela tal-Blandun, isiru jew f'xi kjostru jew bitħa magħluqa mal-Knisja jew fil-Knisja stess (għat-tberik tan-nar m'hemmx għalfejn ikun hemm nar kif isir is-soltu iżda nar żgħir ikun biżżejjed);
      5.2.1. Mhux rakkomandat li jinxtgħelu x-xemgħat minn dawk preżenti.
   5.3. Fil-Liturġija tal-Kelma jistgħu jinqraw żewġ lezzjonijiet mit-Testment il-Qadim li waħda minnhom trid tkun it-tielet lezzjoni, jew inkella l-lezzjonijiet, 1, 3, 5 u 7. L-Epistola, it-tħabbira tal-Hallelujah u s-Salm bil-vers tal-Hallelujah u l-Evanġelju jsiru dejjem.
   5.4. Il-Liturġija tal-Magħmudija ssir mingħajr il-magħmudijiet b'wieħed minn dawn il-modi:
      5.4.1. Isir it-tberik tal-ilma u wara jsir t-tiġdid tal-wegħdiet tal-Magħmudija.
      5.4.2. It-tberik tal-ilma jista' jitħalla barra u jsir biss it-tiġdid tal-wegħdiet tal-Magħmudija.

   5.5. Tkun ħaġa sabiħa li, waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-Vġili, jekk isir it-Tberik tal-ilma, jitbierek l-ilma fi flixken żgħar. Dawn,flimkien ma' friegħi żgħar taż-żebbuġ li jkunu tbierku f'Ħadd il-Palm, jitqassmu fid-djar meta jkun possibli ma' santa b'talba għat-tberik tal-familji fi djarhom minnhom stess.

6. Dawn iċ-ċelebrazzjonijiet, bħal kull Liturġija oħra, dejjem għandhom isiru bil-qima kollha, iżda mhux b'tul żejjed.

7. Dawn iċ-ċelebrazzjonijiet għandhom isiru mingħajr l-għajnuna tal-abbatini.

8. Il-kant waqt dawn iċ-ċelebrazzjonijiet għandu jkun immexxi minn grupp żgħir ta' koristi u organista, li għandhom joqogħdu f'distanza ta' metru bogħod minn xulxin, sakemm ma jkunx hemm direttivi oħra mill-awtoritajiet tas-saħħa.

9. Kull ċelebrazzjoni liturġika, għandha ssir u, jekk ikun il-każ, tkun trażmessa fil-ħin proprju tagħha skont kif indiktat fil-Missal Ruman.
   9.1. Mhux permess bl-ebda mod
      9.1.1. li saċerdoti jiċċelebraw u jxandru it-Tridu tal-Għid fuq il-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali minn postijiet u f'ħinijiet oħra mhux indikati fil-Missal Ruman, jew

9.1.2. li ċ-ċelebrazzjonijiet trażmessi ikunu rrekordjati minn qabel, jew

9.1.3. li jiġu trażmessi fil-ħinijiet li jkunu qed isiru fil-knejjes, ċelebrazzjonijiet irrekordjati fi snin oħra.

9.2. Waqt it-trażmissjonijiet jixraq li wieħed ifakkar

9.2.1. lill-poplu tagħna li, f'dawn iċ-ċirkostanzi partikolari, wieħed jista' jaqla l-maħfra tad-dnubiet venjali permezz tal-parteċipazzjoni fit-talb tal-Knisja, inkluż ir-Rużarju u l-Via Sagra, u l-maħfra tad-dnubiet gravi jew mejta billi wieħed jagħmel att ta' ndiema u proponiment li jqerr malli jkun jista';

9.2.2. biex fil-mument tat-tqarbin jagħmel it-Tqarbina tax-xewqa;

9.2.3. għandu jingħad talb skont l-intenzjoni tal-Qdusija Tiegħu il-Papa, għar-rebħ tal-Indulġenzi mogħtija, mill-Knisja bil-kundizzjonijiet tas-soltu.

10. Il-ħinijiet taċ-ċelebrazzjonijiet għandhom ikunu mgħarrfa minn qabel bil-mezzi kollha possibli u, fejn jista' jkun u skont kif indikat fil-Missal Ruman, jitħabbru wkoll bid-daqq tal-qniepen jew taċ-ċuqlajta.

11. Matul il-Ġimgħa Mqaddsa l-Insara huma mħeġġin biex juru l-fidi tagħhom fil-misteru tal-mewt u l-Qawmien tal-Mulej billi jarmaw slaleb jew xbihat tad-Duluri, u fil-Għid il-Kbir, xbihat ta' Kristu Rxoxt, fuq il-bjut, fil-gallariji jew twieqi tad-djar tagħhom.

12. Iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa tal-Griżma, li s-soltu ssir f'Ħamis ix-Xirka filgħodu, din is-sena se tkun trasferita u titħabbar fid-djoċesijiet tagħna iktar tard.

12.1. Jekk ikun hemm bżonn li jintuża ż-żejt tal-morda, jista' jintuża dak li tbierek is-sena l-oħra (2019) jew jekk ma jkunx fadal, is-saċerdot jista jbierek iż-żejt skont kif hemm fir-rit tas-Sagrament tal-Morda.

13. Infakkru li hija responsabbiltà tagħna lkoll u att ta' karità kbira li nieħdu l-miżuri kollha mitluba minna biex nevitaw dak kollu li b'xi mod jista' jxerred il-mard, u għalhekk qatt ma għandhom jinġabru numru kbir ta' nies.

14. Nuru solidarjetà ma' dawk li jgħixu weħidhom billi nżommu kuntatt magħhom permezz tat-*telephone* jew mezzi oħra ta' komunikazzjoni soċjali u naraw jekk għandhomx bżonn għajnuna u naqduhom bl-attenzjoni meħtieġa kollha.

F'dan iż-żmien diffiċli għalina lkoll, huwa b'dieqa kbira li niċċaħħdu mhux biss minn dak li s'issa, sena wara sena, għexna aħna u niċċelebraw il-misteru tal-Passjoni, il-Mewt u l-Qawmien minn bejn l-Imwiet tal-Mulej imma wkoll mill-preżenza tagħna

lkoll flimkien miġburin bħala Knisja fil-knejjes tagħna, magħqudin ma' ħutna l-Insara mxerrdin mad-dinja.

Dawn id-direttivi għandhom jgħinuna niċċelebraw il-Ġimgħa Mqaddsa u l-Għid b'qima tassew li ġejja mill-qalb, fl-ispirtu u l-verità, u napprezzaw ħafna iżjed is-sabiħ ta' meta ninġabru flimkien biex niċċelebraw il-Liturġija li fiha, magħqudin fl-Ispirtu s-Santu, nagħtu qima lil Alla l-Missier, f'isem Sidna Ġesù Kristu li hu, li kien u li jibqa' għal dejjem Sid taż-żminijiet u tal-eternità.

Maħruġa mis-Sede tal-Konferenza Episkopali Maltija, il-Furjana, illum 24 ta' Marzu 2020.

✠ **Charles Jude Scicluna**
Arċisqof ta' Malta
President,
Konferenza Episkopali Maltija

✠ **Mario Grech**
Amministratur Appostoliku ta' Għawdex

✠ **Joseph Galea-Curmi**
Isqof Awżiljarju ta' Malta

Fr Jimmy Bonnici
Segretarju,
Konferenza Episkopali Maltija